**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 258/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-Vs-**

**JUDITH BAKOUSH**

**Illum, 25 ta’ Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputata **JUDITH BAKOUSH** ta’ 28 sena, bint Ali Abdullah Omer u Jane xebba Zammit, imwielda Pieta’ nhar it-28 ta’ Dicembru, 1990, residenti gewwa 60, Flt 1, Triq l-Isptar Valletta u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ 33691M tressqet quddiemha akkuzata talli:

Nhar il-25 ta’ April ghall-habta ta’ 12:45hrs minn gewwa Triq il-Mejjilla Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer:

1. Bhala persuna li kienet taf jew missha li kienet taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li taht li cirkostanzi jew kondizzjonijiet li x’aktarx jikkawzaw offiza fuq il-persuna jew mewt, xjentement geghlet

lil Pauline Baldacchino ta’ 73 sena issofri, u gabet fuqha ugigh fiziku u/jew tbatija mentali mhux gustifikabbli.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommettiet serq ta’ gojjellerija, liema serq hu kkwalifikat bil-lok u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ Pauline Baldacchino persuna anzjana ta’ 73 sena.

3. U aktar talli fl-istess, lok u hin u cirkostanzi kisret xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqha wara li kienet instabet hatja ta’ reat mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D, datata 11 ta’ Settembru 2017.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma’ Judith Bakoush bhala recidiva ta’ sentenzi moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini tal-Artikolu 49 u 50 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra u jikkonferma l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament;

Semghet lill-imputata tiddikjara li mhux ħatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tagħha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Gunju 2019 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 257A(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261, 267, 269 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet kollha waqt l-udjenza tat-3 ta' Novembru 2021;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Pauline Baldacchino xehdet illi hija kienet sejra lura d-dar taghha bix-xirja u kif fethet il-bieb u dahhlet il-baskett tax-xirja, hargitilha l-kelb u kif tbaxxiet biex terfa' lil kelb, rat persuna femminili li niżlet għaliha mill-karozza "*qabdet u hatfitiheli*" b'referenza ghall-gizirana li kienet liebsa ma' ghonqha. Hi fissret li din il-persuna, meta kienet quddiem il-parapett, qaltilha li ser tpattihielha u qalet dan il-kliem: "*... din nehodielek talli mort tirrapporta lill-pulizija ghall-istorbju.*" Qalet li haditilha wkoll id-domna tad-deheb bir-ritratt ta' zewgha li kienet marbuta mal-istess gizirana. Dawn skont ix-xhud kellhom valur komplessiv ta' madwar tlett mija u sebghin Lira Maltin. Mistoqsija tfisser fejn kienet rat din il-persuna qabel, ix-xhud spjegat illi xi żmien qabel kienet ġiet flimkien ma' persuni oħrajn iħabbtu l-bieb tal-garaxx ta' maġenbha

fejn joqgħod it-tifel tagħha u kienu qed jagħmlu ħafna storbju. Peress li kienu l-4.00 a.m. hija ħarġet biex issikkithom u dak il-ħin rat lil din l-istess persuna li bdiet takkużaha li ċemplet lill-Pulizija meta skont ix-xhud, hija ma kienetx ċemplet lill-Pulizija.

Meta Pauline Baldacchino xehdet in kontro-eżami[1], filwaqt li reġgħet iddeskriviet l-istess fatti, mingħajr iżda ma semmiet l-inċident preċedenti li seħħ quddiem id-dar tagħha fl-4.00 a.m., żiedet tgħid li fil-mori ta' dawn il-proċeduri hija ltaqgħet mal-imputata quddiem il-bieb tal-ħabs meta marret tara lil binha u l-imputata offritilha tixtrilha ġiżirana oħra u staqseitha wkoll jekk riditx li tixtrilha oħra.

Din il-verzjoni ta' fatti tikkombaccja wkoll mal-verzjoni li tinsab dettaljata fl-okkorrenza, liema fatti ġew riaffermati fix-xhieda ta' PS 362 Wayne Borg[2] li kien ha l-verzjoni ta' Pauline Baldacchino meta marret fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi fil-25 ta' April 2018 biex tirrapporta dan l-incident.

L-imputata ma xehditx quddiem il-Qorti iżda fl-istqarrija taghha li ġiet rilaxxata fil-25 ta' April 2018[3], tammetti li dakinhar stess ftit tal-hin qabel, hija ghaddiet mit-triq fejn toqghod omm il-Garru. Qalet li huwa minnu li hija nizlet mill-karozza biex tkellem lil omm il-Garru u staqsietha "*jiena heddidtek fuq xi 100 elf euro?*" izda cahdet li messitilha ghonqha jew haditilha l-gizirana. L-imputata fissret li kien hemm hafna nies dak il-hin u huha nizel mill-karozza u beda jghajjat "*fejn hu l-Garru fejnu l-Garru*". Stqarret ukoll li kien seħħ incident xi jumejn qabel ghall-habta tal-5.00 a.m. fejn hija kienet marret ma' xi persuni biex ihabbtu fuq il-bieb tal-Garru u kienet harget ommu ghaliex kien hemm l-istorbju.

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>**

[1] Xhieda tal-
[2] Xhieda tas-17 ta' Mejju 2018.
[3] Ara xhieda tal-Ispettur Roderick Agius tas-26 ta' Frar 2019 li xehed li d-data indikata fuq l-istqarrija bhala 25/9/2017 hija zbaljata ghaliex l-imputat giet interrogata fil-25 ta' April 2018 fejn rrilaxxat dik l-istqarrija

L-imputata giet mixlija fl-ewwel lok illi kkommettiet ir-reat taht l-Artikolu 257A tal-Kap. 9 skont kif indikat ukoll fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali. Dan ir-reat ġie introdott fl-ordinament penali domestiku fl-2014 bis-saħħa tal-Att XXXI tal-2014. Fil-parti relevanti tieghu, addebitata lill-imputata fl-ewwel imputazzjoni, dan il-provvediment jaqra hekk:-

257A. *(1) Persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li xi persuna anzjana adult dipendenti jsofru, jew iġġib fuq dawk il-persuni uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli ... tkun hatja ta' reat…*"

Illi l-elementi kostituttivi tar-reat kif kontemplat bl-artikolu 257A tal-Kap. 9, dejjem fil-parti li huwa relevanti ghall-akkuzi dedotti kontra l-imputata odjerna, huma s-segwenti:

"*1. Persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti;*
*2. taht cirkostanzi jew kondizzjoniet li x'aktarx jikkawzaw offizi gravi fuq il-persuna jew mewt;*
*3. xjentement iggieghel jew tippermetti li persuna anzjana adult dipendenti jsofru jew iggib fuq dawk il-persuni ugigh fiziku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli.*"[4]

Biex tinstab ħtija għar-reat taħt l-Artikoli 257A tal-Kap. 9, jeġtieġ li jigi ppruvat li s-soġġett tar-reat kontemplat taħt dan l-artikolu tal-ligi huwa persuna li hija anzjana jew adult dipendenti. L-Artikolu 257F(4) tal-Kap. 9 jipprovdi ukoll is-segwenti tifsiriet li japplikaw ghall-Artikolu 257A, u ċioe':

"'*persuna anzjana" tfisser persuna li għalqet l-età ta' sittin sena*",

[4] **Il-Pulizija v. Dragana Mijalkovic**, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiż 17.9.2019.

filwaqt li

"'*adult dipendenti' tfisser persuna tal-età li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha l-kapaċità tagħha li twettaq attivitajiet normali jew li tipproteġi d-drittijiet tagħha jkunu ristretti, inklużi, iżda mhux limitati għal, persuni li jkollhom diżabilitajiet fl-iżvilupp tagħhom jew li l-kapaċitajiet fiżiċi umentali tagħhom ikunu naqsu minħabba fl-età u tinkludi kull persuna li tkun daħlet bħala pazjent residenti fi faċilità tas-saħħa li topera għal erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, jew tkun residenti f'istituzzjoni, jew daħlet f'istituzzjoni li toffri xi forma ta' kura medika jew psikoloġika".*

Jingħad minnufih li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq ebda provi li turi li Pauline Baldacchino, is-soggett passiv tar-reat, hija adult dipendenti fit-tifsira tal-Artikolu 257F tal-Kap. 9. Imbagħad, kwantu ghall-kwalifika ta' "persuna anzjana", huwa minnu li fir-rapport tal-okkorrenza hemm inizzel id-data tat-twelid taghha bhala l-persuna li ghamlet ir-rapport dwar is-serqa, u huwa minnu wkoll li fic-Citazzjoni jinsab indikat li hija ghandha 73 sena, izda l-Qorti hi tal-fehma li din ma tikkostitwixxix l-ahjar prova li Pauline Baldacchino ghandha titqies bhala persuna anzjana ghall-fini tar-reat. L-ahjar prova li persuna hija anzjana u li, fil-kaz in dizamina ghandha iktar minn sittin sena, tingieb permezz tac-certifikat tat-twelid jew estratt ufficjali minn dan ic-certifikat jew dokument iehor ufficjali dwar l-identita` tal-persuna. Iżda f'dan il-kaz ma tressqitx din il-prova u l-allegat vittma nnifisha ma xehditx dwar l-eta` taghha fid-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti.

Iżda lil hinn minn dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li hemm ragunijiet oħrajn għaliex ma tistax tinstab ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 257A tal-Kap. 9.

Jiġi osservat illi dan il-provvediment jehtieg li r-reat jigi kommess *inter alia*, taht cirkostanzi jew kundizzjonijiet li x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew mewt. Imbagħad l-Artikolu 257C tal-Kap. 9 jitkellem fuq ċirkostanzi u

kundizzjonijiet li x'aktarx ma jikkawżawx offiża gravi fuq il-persuna jew il-mewt u hija applikabbli għalih piena inqas severa. Huwa minnu illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju ma indikax li tista' tinstab ħtija għall-ewwel imputazzjoni taħt l-Artikolu 257C tal-Kap. 9 iżda indika biss l-Artikolu 257A(1)(2) u (3) tal-Kap. 9, iżda fl-istess waqt hu ovvju li r-reat taħt l-Artikolu 257C huwa r-reat minuri u kompriż fir-reat iktar gravi taħt l-Artikolu 257A tal-Kap. 9 u għalhekk il-Qorti tista' ssib ħtija għal dan ir-reat minuri anke jekk ma ġiex indikat speċifikatament fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju. F'kull każ iżda, l-offiza (jew il-mewt) li x'aktarx tigi kkawżata bħala konsegwenza tal-kondotta tal-aġent ta' dan ir-reat, kif ukoll l-uġigħ fiżiku jew tbatija mental, huma neċessarjament elementi materjali kostituttivi tar-reat in diżamina, u konsegwentement, jekk ma jiġix ippruvat li s-sofferenza jew uġigħ fiziku jew tbatija mentali ma gewx kommessi taht cirkostanzi li x'aktarx jikkawżaw offiża (jew mewt), ma tistax tinstab ħtija għad-delitt.

Wara li rat l-atti u x-xhieda, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova kwlasiasi dwar xi cirkostanza jew kundizzjoni li minhabba fihom Pauline Baldacchino x'aktarx kienet issofri offiża, gravi jew ħafifa, fuq il-persuna tagħha jew il-mewt waqt il-komissjoni tas-serqa tal-25 April 2018. Meta ġiet mistoqsija speċifikatament mill-Prosekuzzjoni, hija wiegbet li ma soffriet l-ebda griehi: « *Ma sofrejt xejn, tferfir go qalbi hassejt biss … ghax inbati biha*"[5]. Fil-fehma tal-Qorti din ix-xhieda waħedha m'hijiex biżżejjed biex tiswa bħala prova fil-grad meħtieġ fil-kamp kriminali li l-vittma soffriet uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli u l-Qorti ma taqbilx li waħdu, l-allegat ħtif tal-ġiżirana minn għonq il-vittma tikkostitwixxi ċirkostanza jew kondizzjoni li x'aktarx jikkaġunaw offiża jew mewt. Ghalkemm huwa minnu li Pauline Baldacchino xehdet illi hija tbati b'qalbha u l-incident ikkawzatilha tferfir f'qalbha, ma ngabitx prova sufficjenti li dan seta' b'xi mod iwassal biex jikkawża offiza gravi fuq il-persuna taghha jew iggib il-mewt taghha. Il-Qorti kienet tistenna mqar prova permezz tax-xhieda ta' tabib mediku kuranti tal-vittma dwar l-allegat kundizzjoni medika f'qalbha u l-konsegwenzi potenzjali fuq din il-kundizzjoni u fuq saħħet il-vittma, tac-cirkostanzi li fihom twettqet is-serqa. Izda minn dan m'hemm xejn fl-atti u ghalhekk

[5] Xhieda ta' Pauline Baldacchino tal-31 ta' Ottubru 2018, fol. 57.

għal dawn ir-raġunijiet kollha tqis li ma tistax issib ħtija fl-imputata għar-reat taħt l-Artikolu 257A tal-Kap. 9.

In konklużjoni, il-Qorti tqis li għandha tosserva wkoll illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ma kienx f'loku li l-imputata tiġi mixlija taħt din id-dispożizzjoni legali. Hu evidenti anke mid-Dibattiti Parlamentari dwar l-abbozz tal-liġi li emenda l-Kodiċi Kriminali permezz tal-Att XXI.2014[6], illi dan ir-reat huwa maħsub għall-protezzjoni tal-persuna anzjana jew adult dipendenti minn abbuż da parti tal-persuni li jiddependu minnhom u persuni li jittrattaw ma' dawn il-persuni vulnerabbli u jkollhom il-kura u kustodja tagħhom, ċioe' fejn teżisti bejn is-soġġett attiv u s-soġġett passiv tar-reat, "*a duty of care*"[7].

Fid-Dibattiti Parlamentari relattivi, intqal hekk:-

*ONOR. DEBORAH SCHEMBRI: ........Sur President, din il-liġi tħares lejn ċerti miżuri biex jipproteġu lill-persuna anzjana. ... Jekk inti persuna li kont taf jew missek kont taf li qed tittratta ma' persuna anzjana, hemm kondizzjonijiet li jistgħu jiġu meqjusa bħala offiża gravi, u min se jkun qed jikkomettihom issa ser jitqies li għamel reat li huwa punibbli b'ċerti gradi għoljin ta' piena. Din hija liġi importanti u li kien hemm bżonnha...... Il-WHO tgħidlek li: "Elderly abuse is a single or repeated act or lack of appropriate action occuring within any relationship where there is an expectation of trust, which causes harm or distress to an older person". Din il-liġi li għandna quddiemna tieħu proprju dan l-ispunt biex meta inti jkollok persuna li suppost qiegħda tipproteġi, tagħti l-kura u għandha l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, issa hemm sett ta' liġijiet ad hoc biex dawn il-persuni vulnerabbli jkunu aktar protetti. ...*

...

*ONOR. MICHAEL FARRUGIA (Ministru għall-Familja u Solidarjetà soċjali): ..... qed nitkellmu fuq forom differenti ta' abbuż. ... Ħafna drabi l-vittmi jkunu jiddependu*

[6] *ATT biex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9, u biex jipprovdigħal affarijiet oħra li huma anċillari jew konsegwenzjali għal dan.*

[7] Il-Pulizija v. Dragana Mijalkovic, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża 17.9.2019.

*direttament fuq in-nies li suppost jieħdu ħsiebhom imma minflok jabbużawhom..... F'subartikolu 257A(1) qed nipprovaw inwessgħu l-mod ta' kif nistgħu nipproteġu persuna anzjana jew inkella adult indipendenti minn kull abbuż li jista' jsofri. Hawnhekk il-konċett huwa li kemm jista' jkun inkopru diversi ċirkostanzi li jistgħu jinqalgħu fil-kura tal-anzjani u tal-persuni dipendenti u qed nitfgħu ċertu piż ukoll fuq min għandu l-kura tal-anzjani.*

Barra minn hekk, il-Qorti ma tistax tonqos milli tissenjala li l-liġi diga' tipprovdi, fl-Artikolu 257D tal-Kap. 9, għal ċirkostanzi aggravanti *ad hoc* li huma applikabbli speċifikatament għal serq u r-reati oħrajn taħt it-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' delitti kontra l-proprjeta' u s-sigurta' pubblika, iżda dan l-aggravanti ma ġiex ċitat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju u konsegwentement, anke f'każ li l-Qorti kellha ssib ħtija fl-imputata għat-tieni imputazzjoni ta' serq, hija prekluża milli tapplika l-aggravanti maħsub fl-Artikolu 257D tal-Kap. 9, u dan fuq skorta ta' ġurisprudenza kostanti in materja:-

"*Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francesco sive Godwin Scerri, l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju jirriflettu l-imputazzjonijiet originali. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz. F' dan il-kaz fl-akkuzi originarjament migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva – l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju li hija riflessjoni ta' l-akkuzi mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva – imkien ma kien hemm referenza ghal xi cirkostanza aggravanti kif kontemplata fl-imsemmi l-Artikolu 33A li kienet qed tigi addebitata lill-esponenti. U ghalhekk ma setghetx il-Qorti tal-Magistrati tmur oltre "l-fattispecji partikolari tal-kaz" kif prospettati fic-Citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Jean Pierre Mifsud, fejn kienet qamet kwistjoni dwar jekk il-Qorti setghetx issib htija ta' pussess aggravat ta' medicina psikotropika*

*meta tali aggravanti ma kienitx giet indikata fic-citazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet rriteniet li, bhal fil-kaz ta' kull aggravanti iehor f' reati taht il-Kodici Kriminali u kull ligi specjali ohra ta' indoli penali, l-aggravanti iridu jiffiguraw fl-akkuza biex il-Qorti tiehu konjizzjoni taghhom u ssib htija taghhom u l-Qorti tistax* (*recte.* ma tistax) *issib htija ta' dan l-aggravanti fuq inizjattiva taghha stess ...*"[8]

Għaldaqstant, l-imputata sejra tiġi liberata mill-ewwel imputazzjoni.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**

L-imputata qiegħda tiġi mixlija bir-reat ta' serq aggravat bil-lok u bil-valur.

Il-Qorti wara li rat ix-xhieda, hija moralment konvinta illi l-verzjoni ta' fatti deskritta fix-xhieda ta' Pauline Baldacchino hija veritjera. Din il-fehma hija msaħħa bil-fatt li l-imputata mhux biss affermat li ż-żewg inkontri li ddeskriviet Pauline Baldacchino fix-xhieda taghha, effettivament seħħew, izda fl-istqarrija taghha ammettiet ukoll li effettivament il-Pulizija kienu marru fuq il-post wara l-incident tal-istorbju bil-lejl u hemmhekk l-anzjana kienet irrapportatilhom li hija u l-persuni li kienu maghha dak il-hin, riedu jisirqulha d-deheb u talbuha wkoll mitt elef euro. Ghall-Qorti din l-istqarrija tkompli tikkonforta u taghti sens loġiku lill-verżjoni ta' Pauline Baldacchino meta fix-xhieda taghha qalet li l-imputata qaltilha proprju li ser tpattihielha ghaliex kienet baghtet ghall-Pulizija minhabba l-istorbju li kienu ghamlu l-lejl ta' qabel. Fuq kollox, il-Qorti tqis illi l-verżjoni ta' Pauline Baldacchino kienet waħda konsistenti u attendibbli anke meta xehdet in kontro-eżami xejn inqas minn tliet snin wara l-episodju, verżjoni li baqgħet mhux kontrastata fl-ebda aspett, salv għaċ-ċaħda tal-imputata.

F'kull każ, għandu jingħad illi l-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-gudikant, iċ-ċertezza assoluta u dan għaliex ftit li xejn ikun hemm kazijiet fejn jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament

---

[8] **Il-Pulizija vs David Norbert Schembri** – deciza mill-Qorti tal-Appell 18.2.2020.

ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni u li dawn il-provi ma jkunux gew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali.

Kif sewwa sottomettiet il-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni finali, il-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-Artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali. Fir-rigward ingħad:-

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[9]

Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Miżmum ferm dan kollu u applikat dan l-insenjament u l-prinċipji msemmija, il-Qorti tqis illi l-verżjoni ta' Pauline Baldacchino hija pjenament kredibbli f'kull aspett tagħha u hija konvinta illi l-fatti sostantivi tal-każ ġraw kif ġie deskritt fix-xhieda

[9] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

tagħha, ċioe' li kienet il-vittma ta' serq tal-ġiżirana tagħha meta din inħatfitilha minn għonqha fil-25 ta' April 2018.

Ikkunsidrat;

Id-difiża tissottometti illi l-imputata baqgħet qatt ma ġiet identifikata minn Pauline Baldacchino bħala l-persuna li allegatament serqitilha l-ġiżirana u b'konsegwenza t'hekk, ma saritx il-prova li kienet effettivament l-imputata odjerna li hija l-awtriċi ta' dan l-allegat serq.

Kif ritenut fid-decizjoni celebri dwar l-identifikazzjoni tal-imputat, **Turnbull**, gie ritenut illi meta l-kaz kontra l-imputat jiddependi unikament jew sostanzjalment fuq il-korrettezza ta' identifikazzjoni wahda jew aktar tal-imputat li d-difiza tallega li m'humiex korretti, jehtieg kawtela kbira u ezami akkurat tal-kwalita` tal-evidenza ta' identifikazzjoni u tac-cirkostanzi li fihom ikunu saru dawn l-identifikazzjonijiet, fosthom it-tip ta' vizwali li kellu x-xhud, id-distanza bejnu u l-imputat, jekk kienx jafu jew qattx rah qabel, iz-zmien li ghadda bejn l-osservazzjoni originali u l-identifikazzjoni li saret lill-Pulizija.

Huwa minnu li Pauline Baldacchino ma ghamlitx referenza speċifika lill-imputata waqt ix-xhieda tagħha bħala l-persuna li allegatament serqitilha l-ġiżirana iżda l-Qorti tosserva illi l-imputata fl-istqarrija tagħha, b'referenza għas-serqa li kienet għadha kif ġiet rapportata minn Pauline Baldacchino ftit tal-ħin qabel, tistqarr illi huwa minnu li hija għaddiet bil-karozza flimkien ma' huha minn quddiem id-dar tagħha u niżlet tkellimha.  Għalkemm l-imputata ċaħdet li missitilha għonqha jew ħaditilha l-ġiżirana, stqarret li dak il-ħin staqsietha jekk qatt heddhithiex fuq xi mitt elf euro u żiedet tgħid ukoll li "*kif dhalt fil-karozza hija bdiet tghajjat hadtuli l-gizirana*".

F'kull każ, u fuq kollox, mix-xhieda tal-Ispettur Roderick Agius u PC 362 Wayne Borg jirriżulta illi l-imputata ġiet identifikata pożittivament bħala l-awtriċi tas-serqa hekk kif hija daħlet fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi fil-25 ta' April 2018 waqt li

Pauline Baldacchino kienet qiegħda tirrapporta l-istess serqa ftit tal-ħin biss wara li din seħħet. L-Ispettur Roderick Agius xehed hekk "*Biss ftit tal-ħin wara l-istess Judith Bakoush daħlet ġewwa l-għassa ta' Ħal Qormi u kienet hawnhekk fejn Pauline Baldacchino mingħajr l-ebda eżitazzjoni indikat lill-imputata bħala l-persuna li kienet għadha kif ġibditilha l-ġiżirana u telqet minn fuq il-post.*"[10] Da parti tiegħu PC 362 Wayne Borg xehed illi wara li kien ħa r-rapport ta' Pauline Baldacchino, daħlet Judith Bakoush u persuna maskli fl-Għassa u Pauline Baldacchino "*Bdiet tgħid li qed tagħrafha lil Judith, li kienet hi li serqitilha c-choker u l-pendent*"[11]. Għall-Qorti din ix-xhieda tikkostitwixxi prova mhux kontradetta tal-fatt illi d-derubata, ftit minuti wara s-serqa, qalet li għarfet quddiemha fl-Għassa tal-Pulzija lil Judith Bakoush bħala l-aggressur tagħha.

Il-Qorti hi konvinta li Pauline Baldacchino gharfet lill-imputata ghaliex evidentement, din ma kienetx l-ewwel darba li hija ratha tant illi xehdet li kellha argument maghha ftit qabel fejn f'dik l-okkazzjoni, fl-4.00 a.m. semghet storbju gej minn barra r-residenza taghha u meta harget biex issikket lil min kien qed jaghmel dan l-istorbju, rat xi persuni jhabbtu fuq il-bieb tal-garaxx tat-tifel taghha, li jigi bieb ma' bieb mar-residenza taghha. Xehdet li rat ukoll lill-persuna li sussegwentement gharfet bhala l-imputat, hierga minn karozza u nizlet ghaliha u kkonfrontatha, u wiehed mill-irgiel li kienu maghha qalilha biex terga' tidhol gewwa. Meta giet mistoqsija mill-Qorti jekk din il-persuna kienetx l-istess persuna li ħatfitilha l-ġiżiranza, wiegbet "*jien hekk nahseb li hi, mhux nahseb hi*". Hi ddeskriviet lill-persuna li gibditilha l-gizirana bhala qawwija, "*xagharha naqra twil iswed kien*" u ghandha fuq it-tletin sena.

Applikati dawn il-kunsiderazzjonijiet ghall-kaz odjern, huwa minnu li x-xhud baqghet ma gietx mistoqsija jekk tidentifikax quddiem il-Qorti l-persuna li serqitilha l-gizirana bhala l-imputata odjerna, u ghalhekk hija nieqsa dik l-identifikatazzjoni f'termini assoluti u inekwivoci, iżda l-Qorti tirrikonoxxi li x-xhud ghamlitha car li din il-persuna li gibditilha l-gizirana u ghalhekk kienet qrib hafna taghha, hija l-istess

---

[10] Xhieda tas-26 ta' Frar 2019.
[11] Xhieda tas-17 ta' Mejju 2018.

persuna li kkonfrontatha waqt l-incident tal-istorbju bil-lejl, kif ukoll bhala l-istess persuna, cioe` Judith Bakoush, li dahlet fl-Ghassa tal-Pulizija waqt li kienet qieghda taghmel ir-rapport ftit tal-hin wara s-serqa, cioe` *a tempor vergine* u dan skont ma jirriżulta mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija li kienu preżenti dak il-ħin. Dan ifisser li x-xhud rat lil din il-persuna, identifikata bhala Judith Bakoush li rilaxxat l-istqarrija esebita fl-atti, xejn inqas minn tliet darbiet in fila. B'zieda ma' dan, l-imputata nnifisha tirrikonoxxi li hija proprju dik il-persuna li kkonfrontat lill-anzjana fiż-żewġ okkazzjonijiet deskritti fix-xhieda ta' Pauline Baldacchino.

Dan kollu magħdud huwa biżżejjed għall-Qorti biex tkun moralment konvinta illi l-imputata odjerna hija l-persuna li skont Pauline Baldacchino, serqitilha l-ġiżirana u l-pendent quddiem ir-residenza tagħha fil-25 ta' April 2018.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tal-kwalifiki tas-serq tal-gojjellerija ta' Pauline Baldacchino, l-imputata giet akkuzata b'serq aggravat bil-lok u bil-valur a tenur tal-Artikoli 267 u 269 tal-Kap. 9. Biex jigi ravviżat l-aggravju tal-lok taħt l-Artikolu 269 tal-Kap. 9 jehtieg li s-serq ikun twettaq f'wiehed mill-postijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (g) izda fil-kaz in dizamina, il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi ma jirrizultax li r-reat gie kommess f'xi lok minn dawk imsemmija f'dan l-Artikolu. Mix-xhieda ta' Pauline Baldacchino l-Qorti fehmet li d-derubata kienet tinsab barra mir-residenza taghha meta giet kommessa s-serqa. Kemm hu hekk, hi xehdet li l-imputata avvicinatha meta hija kienet marret terfa' l-kelb li kien hareg meta hija fethet il-bieb, u kif kellha l-kelb f'idejha "*fejn il-parapett*" ħatfitilha l-ġiżirana. Ix-xhud imkien ma qalet li kienet lahqet dahlet fir-residenza taghha dak il-ħin: għall-kuntrarju hija kkonfermat illi l-ġiżirana nħatfitilha meta kienet "*'l isfel mill-bankina*"[12]. Għaldaqstant ma jirrizultax illi l-post fejn kienet tinsab fil-mument li nsterqitilha l-gizirana kien lok li jaghmel parti mid-dar ta' abitazzjoni taghha u konsegwentement, l-aggravju tal-lok mhuwiex applikabbli.

[12] Kontro-ezami ta' Pauline Baldacchino, 13 ta' Mejju 2021.

Kwantu ghall-aggravju tal-valur, Pauline Baldacchino xehdet illi l-giżirana kienet xtratha cirka tliet mitt Lira Maltin u sussegwentement xehdet li din kienet xtratha erba' mitt Lira Maltin, filwaqt li d-domna kienet xtratha sebgħa u tmenin Lira Maltin: valur komplessiv li l-ekwivalenti tieghu fil-munita Euro, indubbjament jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) imsemmi fl-Artikolu 267 tal-Kap. 9. Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova dokumentarja in sostenn ta' dan il-valur iżda l-Qorti tifhem illi l-ġojjellerija kienet ilha diversi snin għand il-vittma u f'dawn iċ-ċirkostanzi, tqis illi x-xhieda tal-vittma dwar il-valur tikkostitwixxi l-aħjar prova disponibbli li tista' tinġieb dwar il-valur tar-res furtiva u għalhekk, għandha tingħata d-debitu valur probatorju. Barra minn hekk, din il-prova ma ġietx kuntrastata u fix-xhieda tagħha l-vittma kienet konsistenti dwar il-fatt illi l-ġiżirana kellha valur li f'kull każ jaqbeż il-valur imsemmi fl-Artikolu 267 tal-Kap. 9. Dan ifisser li ghall-fini tal-piena, huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 279 tal-Kap. 9.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>**

Fit-tielet imputazzjoni, l-imputata giet mixlija li meta wettqet is-serqa fil-25 ta' April 2018, hija kisret xi projibizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqha wara li kienet instabet hatja ta' reat minn din il-Qorti diversament preseduta b'sentenza datata 11 ta' Settembru 2017 u dan bi ksur tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

Il-Qorti fliet l-atti processwali izda ma rriskontrat l-ebda prova, ghajr fil-fedina penali tal-imputata, li turi li l-imputata kienet tqieghdet taht Ordni ta' Probation permezz ta' sentenza tal-11 ta' Settembru 2017. Ma ġiet esebita l-ebda sentenza li ġiet erogata fil-11 ta' Settembru 2017 fil-konfront tal-imputata, liema sentenza tikkostitwixxi l-aħjar prova li setgħet titressaq mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-addebitu li l-imputata wettqet ir-reat waqt li kienet imqieghda taht Ordni ta' Probation: il-ligi tirrikjedi li tingieb l-ahjar prova fi kwalsiasi kaz li jkun, *multo magis* ghall-fini ta' prova ta'

addebitu li jista' jaghti lok ghal sejbien ta' htija ghal reat kriminali b'sanzjonijiet penali nonche` r-restrizzjoni tal-liberta' personali tal-individwu.

Fl-atti processwali il-Qorti riskontrat biss kopja legali ta' decizjoni moghtija fil-21 ta' Mejju 2018[13] fuq denunzja tal-Ufficjal tal-Probation fil-konfront ta' Judith Bakoush (li giet identifikata personalment mill-Ufficjal Prosekutur f'dak il-procediment bhala l-imputata odjerna – ara xhieda tal-Ispettur Elliott Magro tal-15 ta' Mejju 2019), wara « *Ordni ta' Probation tal-25 ta' Mejju 2017 moghti fil-konfront ta' Judith Bakoush* », iżda din id-decizjoni esebita fl-atti m'hijiex is-sentenza li poggiet lill-imputata odjerna taht Ordni ta' Probation fil-11 ta' Settembru 2017.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll, in konkluzjoni, illi fi kwalsiasi kaz, jirrizulta li l-Avukat Generali ma indikax fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, l-artikolu tal-ligi li jipprospetta dikjarazzjoni ta' htija wara ordni ta' probation, cioe` l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 izda indika, presumibbilment bi zvista, l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-imputazzjoni u lanqas johloq reat jew piena ghaliex in effetti, dan il-provvediment jipprospetta l-impozizzjoni ta' ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata.

Ghaldaqstant l-imputata ma tistax tinsab hatja tat-tielet imputazzjoni.

**<u>L-Addebitu tar-Reċidiva</u>**

L-imputata giet mixlija wkoll li hija recidiva taht l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9. Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet fl-atti kopja legali ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar 2012 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. Judith Bakoush</u> (Dok. RA1[14]) fejn l-imputata f'dawk il-proceduri li ghandha l-istess numru tal-karta tal-identita` bhalma ghandha l-imputata odjerna, giet ikkundannata ghal piena ta' sentejn prigunerija.

[13] Dok. RM1, fol. 97 u 98.
[14] Fol. 44.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll kopji legali ta' zewg sentenzi moghtija kontra Judith Bakoush, it-tnejn fid-29 ta' Novembru 2012 (Dok. RA2 u RA3[15]) li jidher li qieghdu lill-hatja f'dawk il-proceduri li wkoll ghandha l-istess numru tal-karta tal-identita` bhall-imputata odjerna, taht Ordni ta' Probation[16].

Fir-rigward, jinghad minnufih illi t-tqegħid tal-persuna li tigi dikjarata li hi hatja ta' reati kriminali, taht Ordni ta' Probation, ma jitqiesx bhala sentenza li tinfliġġi piena : kemm hu hekk, l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 jistipola espressament illi « *Il-qorti tista', ... **minflok tagħti sentenza dwar il-ħati**, tagħmel ordni ta' probation...* »[17]. Għall-Qorti dan ifisser illi t-tqeghid tal-hati taħt ordni ta' probation mhuwiex idoneu ghas-sejbien ta' ħtija ghall-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 ghaliex ghall-fini ta' dan il-provvediment legali, persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet **ikkundannata għal reat b'sentenza**, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor. Kif rajna, mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, it-tqeghid tal-hati taht ordni ta' probation mhuwiex ikkunsidrat bhala kundanna b'sentenza; ghall-kuntrarju, l-ordni ta' probation tinghata minflok sentenza dwar il-hati.

Kwantu mbaghad ghas-sentenza tat-18 ta' Frar 2012 li kkundannat lill-imputata Judith Bakoush ghal sentenza ta' prigunerija ghal sentejn, il-Qorti tqis li din hija prova sufficjenti li l-imputata ghandha titqies bhala recidiva taht l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 kif ukoll taht l-Artikolu 50. Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:-

*Meta persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena*

[15] Fol. 48 u 49.
[16] Madanakollu, ghandu jinghad illi mhux biss ma jirrizultax li gie specifikat fis-sentenzi il-perijodu li ghalih il-hatja tpoggiet taht probation, talli fis-sentenza Dok. RA2 (fol. 48) gie indikat li ghall-fini tal-piena, l-"Art. 9 Kap. 446". Issa l-Artikolu 9 tal-Kap. 446, anke kif kien fis-sehh fid-29 ta' Novembru 2012, ma jistipola l-ebda piena jew sanzjoni komunitarja izda jittratta l-ghazal tal-ufficjali tal-Probation.
[17] Emfasi tal-Qorti.

*kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt.*

Minn ezami tal-fedina penali tal-imputata u b'mod iktar specifiku, tas-sentenzi esebiti fl-atti mill-Prosekuzzjoni, ma jirrizultax li l-imputata kellha kundanni ta' prigunerija ta' izjed minn hames snin. L-itwal piena ta' prigunerija jirrizulta li hija proprju dik tat-18 ta' Frar 2012, ta' sentejn, fejn il-ħatja giet immultata wkoll is-somma ta' €500. Mill-atti jirrizulta li l-imputata wettqet is-serqa fil-25 ta' April 2018 u fi zmien hames snin - cioe` meta ma kienux ghaddew iktar minn hames snin - mid-data li fiha giet skontata din il-piena. Inoltre, mill-fedina penali ma jirrizultax li l-multa inflitta bis-sentenza tat-18 ta' Frar 2012 giet imhallsa u l-imputata ma ressqet l-ebda prova li turi mod iehor. Ghaldaqstant, jirrizulta li l-imputata hija recidiva wkoll ghall-fini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9.

In fine, għandu jingħad li huwa bla siwi l-argument magħmula mid-difiża waqt it-trattazzjoni, li ma tressqitx prova mill-Prosekuzzjoni li ma kienx ġie interpost appell mis-sentenza tat-18 ta' Frar 2012 u li hija nieqsa l-prova li din is-sentenza hija finali u definittiva: il-Qorti tqis illi jekk id-difiża serjament kienet qiegħda tikkontendi li s-sentenza in diżamina ma kienetx għaddiet in ġudikat u li kien hemm xi **dubju dettat mir-raġuni** li l-imputata kienet ikkundannata għal dan ir-reat, kellha tressaq din il-prova hi sal-grad tal-probabbli, ġaladarba l-Prosekuzzjoni rnexxileha tipprova li effettivament l-imputata ġiet ikkundannata bis-sentenza tat-18 ta' Frar 2012. Iżda l-Qorti ma riskontrat ebda dubju raġjonevoli li din il-kundanna ma kienetx waħda finali u definittiva.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet qies tal-fedina penali pjuttost oneruża tal-imputata kif ukoll il-fatt illi minkejja li ġew konċessi lilha fil-passat diversi opportunitajiet biex tirriforma ruħha meta ngħatat sanzjonijiet fil-komunita', hu evidenti li hija baqgħet ma għarfitx tirriforma ruħha u għażlet minflok li tibqa' tgħix ħajja ta' kriminalita'. Il-

Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi peress li l-imputata qiegħda titqies bħala reċidiva għall-fini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9, mhuwiex apert lill-Qorti li tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 u dan minħabba l-provvedimenti tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 28A(7).

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputata ħatja tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u tilliberaha minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil JUDITH BAKOUSH ħatja tat-tieni imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u tikkundannaha sitt (6) xhur priġunerija effettiva.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil JUDITH BAKOUSH tħallas lill-parti offiża f'dawn il-proċeduri, Pauline Baldacchino, is-somma ta' erba' mitt Euro (€400) bħala kumpens għat-telf soffert b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat ta' serq li qed tinstab ħatja tiegħu, u dan fi żmien sitt (6) xhur mid-data meta tkun ġiet skontata l-piena ta' priġunerija. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Pauline Baldacchino, il-Qorti qieghda torbot lill-hatja b'oggligazzjoni taghha nnifisha li ma timmolestax u ma ddejjaqx lill-istess Pauline Baldacchino u dan taht penali ta' elfejn Euro (€2,000), ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tiċħad it-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**